MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 76/2023-8

Il-Ħamis, 22 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fit-8.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

**76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

76.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu preżenti.

**76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

76.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 73/2023-8, 74/2023-8 u 75/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

76.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

76.2.3 Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex tiġi kkoreġuta minuta 73.4.2.2 mill-Minuti 73/2023-8 flok Triq il-Knisja tiġi kkoreġuta għal Triq l-Imgħallem. Il-membri qablu. Il-Kunsillier Baskal Saliba talab sabiex tiġi kkoreġuta minuta 73.4.4.3 mill-Minuti 73/2023-8 u tizdied -'Il-membri qablu li tintbgħat emejl lil Amministrazzjoni ta' l-Iskola'. Il-membri qablu. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex tiġi kkoreġuta paġna 3 mill-Minuti 75/2023-8 – 'Fakkar li meta kien isir il-festival tan-nar fil-festa kien jagħmel kollox hu u tal-Licence A kemm jiffirmaw. Sostna li la jiffirma tal-Licence A hu jidħol responsabbli'. Il-membri qablu.

76.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru 73/2023-8, 74/2023-8 u 75/2023-8 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

76.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini nfurmat lill-membri li attendiet għal laqgħa tal-Kumitat Ċentrali tal-festa fejn

ġew diskussi x'hemm bżonn isir. Qalet li l-Kunsill ser jistenna kwotazzjoni mingħand l-Arċipriet u talbu sabiex jiġi misluf it-trakk tal-Kunsill.

76.3.2 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-programm tal-Festa għadu ma' ġiex iffinalizzat. Kompliet tgħid li wara li jiġi ffinalizzat għandha ssir laqgħa mal-Kunsill.

76.3.3 Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li ssir ħarġa għal Kemmuna fit-22 t'Awwissu 2023 bħala x-xalata tal-festa.

76.3.4 Is-Sindku, Dott Marlene Cini qalet li għaddej ix-xogħol fuq il-*branch library* taż-Żebbuġ u aktarx li tiġi nawgurata f'Lulju.

76.3.5 Rigward School Grannies infurmat lil membri li s-Surmast ta' l-Iskola għandu bżonnhom għad-dħul u ħruġ tat-tfal waqt l-iskola. Proponiet u l-membri qablu sabiex jinħareġ avviż għal expression of interest għal persuni 'l fuq minn 60 sena.

76.3.6 Skema SPI/SCI/4/2023 - Skema Finanzjarja - Kommunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. Is-Sindku nfurmat lil membri li tħejja rapport mis-CPT. Is-Seg. Eżekuttiv tat rendikont fejn ser ikunu qed jitwaħħlu dawn il-cameras tas-sigurta u x'hemm bżonn isir. Qed jiġi stmat li l-ispiża titla' għal madwar €18,000. Is-Sindku kompliet tgħid li r-Reġjun għal Għawdex qed jaħdem sabiex isir ftehim kollettiv għal meters tad-dawl u l-internet sabiex jingħataw bi prezz ridott. Il-membri qablu li l-Kunsill jissottometti din l-applikazzjoni. Il-Viċi Sindku, Sandra Grech staqsiet fhiex waslu l-kameras tas-sigurta li kienu qed jeħlu f'Marsalforn minħabba *crime prevention.* Is-Sindku nfurmata li issa waslu sabiex jibdew jimplimentaw it-tieni fażi.

76.3.7 Rigward id-Dog Friendly Beaches, s-Sindku Dott Marlene Cini qalet li skond avviż legali maħruġ mill-Ministeru għal Annimali d-dog friendly beach m'għadhiex fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer pero faċċata taħt il-latrina tal-Qbajjar

Promenade pero t-tabelli għadhom ma twaħħlux mill-Ministeru kkonċernat.

76.3.8 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Ministeru għal Għawdex qed jaħdmu sabiex il-Bajja tax-Xwejni ssir Blue Flag u qed jaħdmu sabiex tkun aċċessibli għal persuni b'diżabilita'.

76.3.9 Is-Sindku ssottomettiet traffic management ta' Triq Ġoma, Triq Stivala u anke Triq Kappillan Vella. Din it-traffic management ġiet imħejjija mill-Perit tal-Kunsill wara laqgħa li saret flimkien mas-Sindku, Baskal Saliba, il-Perit u s-Seg. Eżekuttiv. Il-membri qablu li din il-proposta tintbgħat lil Transport Malta. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u l-membri qablu li meta tingħalaq Triq Ġoma jitpoġġew in-no parking signs fi Triq Kappillan Vella.

76.3.10 Is-Sindku proponiet sabiex jitħawwlu siġar u xtieli ndiġini fil-Ġnien Serħan is-Sagħtrija. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li dawn jiġu mħawwla u jekk inhu possibli jiġu mħawwla mit-tfal ta' l-iskola.

76.3.11 Is-Sindku nfurmat lil membri li iż-Żebbuġ Motor Show b'risq Puttinu Cares ser issir fl-24 ta' Settembru 2023 fejn il-Kunsill ser jidħol b'kollaborazzjoni u ser jieħu ħsieb it-tokens, sistema ta' sound u affarijiet oħra. Il-membri qablu.

76.3.12 Is-Sindku nfurmat lil membri li reġa iġġedded id-DNO tal-Belvedere ta' Triq Santa Marija u bdil ta' railing. Il-Kuntratti mal-PA ġew iffirmati u ġew depożitati 20% ta' dawn il-kuntratti. Fuq il-belvedere iddaħħlu €37,991.33 waqt li dawl u railing €47,015.63.

76.3.13 Is-Sindku nfurmat lil membri li ħarġu dawn l-offerti:
ZGLC/01/2023 – Supplies- Tender for the replacement of existing luminaires in Triq Santa Marija, Marsalforn din ser tagħlaq 11 ta' Lulju 2023.
ZGLC/04/2023 – Framework Contract for General paving works at Zebbug, Gozo u ZGLC/05/2023 – Framework contract for General Rubble wall works at Zebbug, Gozo.

Dawn ser jagħlqu 18 ta' Lulju 2023. Il-membri qablu li l-bord ta' aġġudikazzjoni għandu jkun magħmul mill-Perit Godwin Agius bħala Chairman, il-Perit Mariella Xuereb, l-Ing. Mario Cauchi, l-Avukat Stefan Louis Magrin waqt li Odette Camilleri s-Segretarja.

## 76.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

76.4.1 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:-*

76.4.1.2 Rigward l-għeluq ta' Triq il-Qbajjar. Il-Viċi Sindku sostniet li qed jinqala' ħafna inkwiet minħabba l-għeluq ta' Triq il-Qbajjar mill-kuntratturi. Kompliet tgħid li ma jistax ikun li ta' kuljum jingħalqu t-toroq f'Marsalforn. Qalet li hemm ċeru kuntratturi jagħmlu li jridu. Qalet kuntrattur partikolari fis-6.00 ta' filgħaxija ibattal l-ilma u jitfa' l-ilma li jtella' fil-baħar. Is-Sindku nfurmata li għamlet rapport mal-BCA u s-CPT. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li fis-Sajf m'għandhomx joħorġu permessi bl-addoċċ f'Marsalforn.

76.4.1.3 Staqsiet meta ser jeħel ir-railing tat-taraġ ta' fejn l-għassa ta' Marsalforn. Is-Sindku nfurmata li dan ser jeħel fil-qarib.

76.4.1.4 Irringrazzjat lil Ministeru għal Għawdex għal bankijiet li twaħħlu fil-front f'Marsalforn.

76.4.1.5 Staqsiet x'żebgħa qed tintuża għas-sinjali tat-toroq. Sostniet li ż-żebgħa li qed tintuża wara ftit siegħat ma tibqax tidher. Is-Sindku infurmata li qed tintuża żebgħa li ma tiżloqx peress li dik biss hawn fis-suq.

76.4.1.6 Talbet sabiex tintbgħat emejl lil Ministeru għal Għawdex sabiex tingħalaq dik it-toqba ta' fejn l-ATM f'Marsalforn peress li ħierġin ħafna ġrieden.

76.4.1.7 Staqsiet x'kien ġara minn dik iz-zebra crossing li kienet talbet li ssir fi Triq Santa Marija. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li ser tiċċekja l-emejls u tinfurmuha.

76.4.1.8 Talbet sabiex issir mobile toilet fejn ikun hemm tat-tombla. Il-membri qablu li ssir talba lid-Direttur ta' l-Eco Gozo.

76.4.1.9 Talbet sabiex jinżebgħu l-bankijiet ta' fejn il-Gabbiano.

76.4.1.10 Talbet sabiex titranġa l-kurduna tal-ġnien ta' fejn l-ispiżerija fi Triq il-Wied. Il-membri qablu.

76.4.1.11 Talbet sabiex isir knis aktar frekwenti fi Triq il-Qbajjar u jinġabar il-ġebel mormi fit-triq li ilu hemm aktar minn tlett xhur. Il-membri qablu li tinġibed l-attenzjoni tal-Public Cleansing Section.

76.4.1.12 Talbet sabiex jinbidel l-injam ta' fejn il-banju ta' l-isqof. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li dan issa ma jistax isir fil-jiem tas-Sajf.

76.4.1.13 Sostniet li fil-Bajja ta' Marsalforn għandhom jitwaħħlu tabelli li ma jistgħux jgħumu klieb. Is-Sindku wieġbet li dawn it-tabelli għandhom jitwaħħlu kollha fil-ġranet li ġejjin.

76.4.1.14 Ġibdet l-attenzjoni li t-tabelli li kien hemm iwaħħla fi Triq ix-Xwejni minħabba l-Quadbikes m'għadhiex hemm. Is-Sindku infurmata li ġie nnotat li qed isir ħafna serq ta' tabelli.

76.4.1.15 Staqsiet x'jista' jsir peress li l-lift li hemm fi blokka ta' appartamenti fi Triq il-Qbajjar qed jimtela' bl-ilma. Is-Sindku nfurmata li forsi din il-problema tissolva x'ħin tiġi asfaltata mill-ġdid din it-triq.

76.4.2 *Il-Kunsillier Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

76.4.2.1 Talab sabiex issir bankina ġdida quddiem nru 18, Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

76.4.2.2 Talab sabiex titranġa l-kantuniera tal-bankina quddiem Sagħtrija Complex. Il-membri qablu.

76.4.2.3 Staqsa x'ġara rigward Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku nfurmatu li tkellmet mad-DG f'dan ir-rigward fejn infurmata illi qed isiru studju kif ser isir ir-reinforecement tat-triq ta' fuq. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li sewwieq irriversja u baqa' dieħel fil-ġebel. Is-Sindku wieġbet li l-kuntrattur ma riedx jieħu r-riskju li jkompli jneħħi l-ġebel għax beża li jkompli jaqa' s-sies. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li Triq ta' Ċenċ tingħalaq waqt li l-Kunsilliera Nicky Saliba u Baskal Saliba qalu li aħjar ssir one way. Il-membri qablu li ssir talba ma Transport Malta sabiex issir one way fejn il-vetturi jistgħu jinżlu biss u tintbgħat tfakkar lil Ministeru għal Għawdex għat-tiswijiet neċessarji.

76.4.2.4 Talab sabiex titbaxxa l-bankina ta' quddiem Nru 74 fi Triq il-Wied sabiex ir-residenta tkun tista' tidħol f'darha b'siġġu tar-roti. Il-membri qablu.

76.4.2.5 Quddiem id-Dar 'Ave Marija' fi Triq Għajn Mhelhel sabiex isir one meter double yellow line biswit il-garaxx quddiem ir-residenza tagħha biss. Il-membri qablu.

76.4.2.6 Talab sabiex jiġu nfurmati s-CPT rigward kamp armat fil-parkeġġ ta' Marsalforn sabiex jiġi żarmat. Il-membri qablu.

76.4.2.7 Talab sabiex ukoll jiġu nfurmati s-CPT rigward il-gabbana li hemm armata fuq is-soft area fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Il-membri qablu.

76.4.2.8 Rigward il-bankijiet li twaħħlu ġodda f'Marsalforn, talab sabiex jeħlu ftit bankijiet oħra fuq il-bridge. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab ukoll li jitwaħħlu bankijiet oħra quddiem l-għassa. Il-membri qablu.

76.4.2.9 Talab sabiex jitneħħa l-*hoarding* li hemm mal-belvedere ta' Triq Santa Marija. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi din għadha *construction site* u għadu ma jistax jitneħħa.

76.4.3 *Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

76.4.3.1 Talab sabiex jitwaħħal sellum fejn il-palletta man-naħħa tal-passaġġ tal-moll tal-Menqa. Il-membri qablu.

76.4.3.2 Ħajt tat-triq li waqa' ġo l-għalqa fi Triq Wied l-Abjad magħruf bħala tal-Ħamra. Il-membri qablu li jintuża l-istess ġebel u jinbena mill-kuntrattur C. Cini.

76.4.3.3 Informa lil membri illi wara s-Sajf ser titwaqqa' binja fi Triq il-Port u hemm bżonn li jsir il-coring biex isir xi survey. Talab lil membri sabiex il-Kunsill joħroġlu l-permess għal dan ix-xogħol. Il-membri qablu li jġib l-approvazzjoni ta' l-Awtoritajiet ikkonċernati u wara l-Kunsill jagħti l-permess tiegħu.

76.4.3.4 Talab sabiex issir tfakkira lil Ing. Mizzi ta' l-Enemalta rigward il-kwotazzjoni sabiex jitħarrek l-arblu ta' Triq Madonna taċ-Ċiċċri.

76.4.3.5 Rigward il-pjanta li għandha titħejja mill-Perit ta' Pjazza l-Assunta, il-Kunsillier Daniel Cordina propona u l-membri qablu li l-Perit għandu jħejji żewġ drafts sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħżel u dan peress li kulħadd impenjat u ma jistax jattendi fuq il-post.

76.4.3.6 Rigward is-survey li tħejja mill-Perit ta' Triq il-Ponta, il-Kunsillier Daniel Cordina qal li jifhem li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel din l-ispiża din is-sena u għalhekk talab sabiex din tiġi mniżżla fil-budget tas-sena d-dieħla. Is-Sindku Dott Marlene Cini qalet li tispera li din il-problema tissolva pero tibża li tinħoloq problema x'imkien ieħor. Il-membri qablu

76.4.3.7 Ilmenta kif parti minn Triq il-Ponta għadha bla tarmak. Is-Sindku nfurmatu li għad hemm appell f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex tinġab informazzjoni meta kienet id-data ta' l-għeluq ta' dan l-appell.

76.4.3.8 Rigward il-Crash barriers qal li hemm diversi lmenti peress li huma perikolużi għal muturi u talab sabiex jitkomplew

aktar l-isfel. Sostna li sal-laqgħa li jmiss l-Kunsill għandu jkollu risposta.

76.4.3.9 Peress li Triq il-Qbajjar hija one way talab sabiex jinżebgħu stop signs u jitwaħħlu t-tabelli neċessarji peress li l-karozzi qed jibqgħu ħerġin. Il-membri qablu.

76.4.3.10 Rigward Ġnien it-3 Għoljiet qal li kiteb pubblikament rigward il-perikolu f'dan il-playing field. Staqsa jekk il-Kunsill kellux risposta f'dan ir-rigward. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu fin-negattiv.

76.4.3.11 Talab sabiex jitwaħħlu xowers fejn l-otters u ieħor taħt il-latrina tal-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex

76.4.3.12 Rigward id-dawl li kellu jitwaħħal fuq is-sies t'Abram. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ssottomettiet il-LC1 form ma l-Awtorita' ta' l-Artijiet.

76.4.3.13 Rigward il-knis madwar il-lokalita', qal li ma jridx ikun kritiku pero x-xogħol jeħtieġ li jsir mill-persuni responsabbli.

76.4.4 *Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:-*

76.4.4.1 Informa lil membri li kien waqa' ħajt fi Triq Ċaqra. Talab sabiex jerġa jinbena, ~~u~~ jintuża l-istess ġebel. u jekk ikun hemm bżonn jinġab aktar ġebel. Il-membri qablu.

76.4.4.2 Talab sabiex issir mera tat-traffiku l-isfel mis-Saghtrija għal min ikun ħiereġ mill-garaxxijiet. Il-membri qablu.

76.4.4.3 Talab sabiex jerġa jinżebah l-arblu tal-Kunsill u jitella' f'postu. Il-membri qablu.

76.4.4.4 Informa lil membri li ~~nsteraq~~ naqas xi ġebel minn ħajt fi Triq Wied l-Infern. Il-membri qablu li għandu jerġa jinbena' u jitqabbad il-Kuntrattur J.P Saliba.

76.4.4.5 Talab sabiex teħel CCTV camera fejn iċ-ċimiterju. Is-Sindku nfurmatu li din imdaħħla mat-talba li ser issir lid-DLG.

76.4.4.6 Staqsa meta ser issir il-bankina li kienet intalbet fuq il-Gozo LC Works fi Triq ta' Barda. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li għaddiet ir-request ID lis-sid sabiex jiċċekkja.

76.4.4.7 Talab sabiex jerġew jibdew it-taħdiediet għar-restawr tal-Batterija tal-Qbajjar.

76.4.4.8 Talab sabiex issir tfakkir lil ta' l-Aluminium rigward il-grada ta' Triq Għajn Mhelhel.

76.4.4.9 Talab sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin li hemm fil-kantunieri tal-pavimentar tal-Playing Field taz-Zebbug. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

76.4.4.10 Fakkar lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tara x'possibilta' hemm li l-Kunsill jissellef flus sabiex jixtri binja tiegħu.

**76.5 Risposta tal-*Management Letter* – għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2022**

Is-Seg. Eżekuttiv issottomettiet ir-risposta li trid tintbgħat lil Awdituri tal-Kunsill. Il-membri qablu.

**76.6 Xogħol li ser jibda' fi Triq Għajn Quċċat – kif ddaħħal kuntrattur ieħor**

Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li ġie nfurmat li tqabbad kuntrattur ieħor flok dak li kien ġie approvat li jitqabbad f'laqgħa tal-Kunsill. Sostna li l-membri tal-Kunsill għandhom dejjem ikunu nfurmati. Qal li ma' għandu xejn kontra l-persuna li tqabbdet din il-persuna pero jħoss li kellu jiġi nfurmat. Sostna li daħlet akkuża fuqu u jrid ikun ċar u qal li hu ma ta ebda awtorizzazzjoni lil ebda kuntrattur biex jagħmel xogħol extra.
Il-Kunsillier Cordina talab sabiex is-Segretaju Eżekuttiv twaqqaf ix-xogħol u qal li hu qatt ma ta awtorizzazzjoni

biex jibqa' nieżel bil-konkos. Sostna li hu kien talab li l-konkos għandu jasal sal-gate ta' għalqa u mhux li jibqa' nieżel.
Is-Sindku nfurmatu li minn naħħa tal-Kunsill ma tqabbadx kuntrattur ieħor pero l-Kuntrattur li kien ġie approvat mill-Kunsill talab l-għajnuna ta' kuntrattur ieħor. Sostniet li għandha ssir laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur sabiex il-Kunsill ikun jista' jindikalu sa fejn għandu jasal. Is-Sindku fakkret lil membri li l-Kuntrattur li tqabbad għandu ħafna xogħol u daħħal lil ħaddieħor miegħu sabiex jgħinu u ssir malajr. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li għal punt l-membri setgħu ġew infurmati b'dan. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li għax saret din il-mistoqsija mhux għax hu kontra xi kuntrattur partikolari. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li kritika jaċċettuha pero allegazzjoni le u fakkar li l-kuntrattur m'għandu jikkomunika ma ħadd mir-residenti fuq xogħol li jitqabbad jagħmel mill-Kunsill.

## 76.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

76.7.1 Talba mingħand is-Sur Zahra sabiex jinbena l-ħajt tat-triq li waqa' fl-għalqa tiegħu fi Triq is-Sagħtrija. Il-membri qablu.

76.7.2 Talba sabiex issir *sleeping policeman* fejn il-mera fl-isqaq ta' Triq Għajn Mhelhel. Il-membri ma qablux minħabba l-istorbju pero għandhom jitwaħħlu t-tabelli ta' 10km/h.

76.7.3 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li waslet ittra mingħand Carmelo Galea & Assoc. liema kopja tagħha diġa ntbgħatet lil kunsilliera permezz ta' emejl rigward l-Abode on the Rock. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li pretenda li tissejjaħ laqgħa b'urġenza f'dan ir-rigward minħabba l-40 resident li ffirmaw il-petizzjoni.

*Il-Kunsillier Daniel Cordina telaq mill-kamra fil-10.10 ta' filgħodu.*

76.7.4 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill rċieva email mill-LESA li l-Kunsill li jħaddmu is-CCTV u li qedgħin f'idejn

il-cameras minbarra it-10% li jkun qed jieħu l-Kunsill jekk titħallas iċ-ċitazzjoni f'dan il-Kunsill ser ikunu qedgħin jieħdu 10% addizzjonali. Il-kontenut ġie nnotat.

76.7.5 Rigward SPI/SCI/10/2022 – żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill ma jistax japplika għal bdil ta' madum. Peress li l-ispiża kienet ser titla', il-membri qablu li l-Kunsill m'għandux jissottometti din l-applikazzjoni.

76.7.6 Talba mingħand L. Zammit sabiex titranġa rampa li kienet tneħħietlu meta saret Triq Wied l-Infern. Il-membri qablu li jitqabbad il-Kuntrattur JP Saliba.

76.7.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li saret talba lil Kunsill sabiex jitkompla l-ħajt tas-sejjiegħ li sar fi Gnien iż-Żebbuġ u dan peress li jekk tagħmel ix-xita iġorrlu kollox peress li qieghed taħt ir-riħ. Il-membri qablu li jsir ħawt biswit il-gibja fejn l-ilma tax-xita jinżel fiha sabiex jissaffa qabel ma jmur fil-ġibja.

76.7.8 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva dawn il-pagamenti:
MGOZ – Prepayment to assist the ZGLC to organize Xwejni Music Fest - €7,058.38
Natale Sul Colle 2022 - €5,000
DLG – Tourism Zones - €3,000

76.7.9 Dikjarazzjoni mill-Gozo Regional biex tiġi ffirmata mis-Sindku li l-Kunsill qed jagħti s-sapport tiegħu. Is-Sindku nfurmat lil membri li waqt laqgħa tar-Reġjun Għawdex l-maġġoranza tas-Sindki qablu li l-Kunsilli jibqgħu mal-GAGF.

76.7.10 Infurmat lil membri li r-residenta li toqgħod fl-isqaq fi Triq il-ponta għadha tistenna risposta minħabba l-perikolu li jinżlu l-għerien. Il-membri qablu li ssir tfakkira lil perit fuq is-survey li kellu jsir.

76.7.11 Rigward l-offerta li kellha toħroġ għal Contracts Manager. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li skond direttiva nru 02/2021 iridu jiġu mpjegati fuq skala 11 b'rikwiżiti skond kif maħruġa mid-DLG u jistgħu jkunu fuq bażi full-time/part time. Il-Kunsilleri Nicky Saliba qal li jekk il-membri jaqblu fil-każ titħalla għal sena oħra minħabba l-qadgħa finanzjarja tal-Kunsill.

76.7.12 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill applika għal Skema SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali fejn ġiet ffirmat il-kuntratt u l-Kunsill ingħata €15,540.

76.7.13 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Arċipriet talab sabiex il-Kunsill jorġanizza flimkien mal-Knisja l-wasla tal-vara. Il-membri qablu li l-Kunsill jonfoq ta' €1,250.

76.7.14 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn ser isiru l-kwaranturi nhar il-Ħadd, 13 t'Awwissu.

76.7.15 Talba sabiex quddiem l-entratura ta' Tomna Flats fi Triq Barda jsiru double yellow lines peress li l-karozzi jipparkjaw eżatt mal-bankina u ma jkunux jistgħu jidħlu. Il-membri qablu li titbgħat talba lil Transport Malta.

76.7.16 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva donazzjoni ta' 9 kotba għal librerija mingħand Frank Zammit li jgħix Sydney. Il-membri rringrazzjawh ta' dan il-ġest.

76.7.17 Talba sabiex issir Luna Park fil-parkeġġ tal-Qbajjar Promenade. Is-Sindku ma qablitx ma dan minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ għar-residenti u minħabba l-istorbju li jkun hemm. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li minflok issir f'għalqa privata fil-Wied ta' Marsalforn il-bogħod minn residenzi. Il-membri qablu.

76.7.18 Talba mingħand resident sabiex isir traffic management fil-Pjazza peress li fil-weekends qed jeħel it-traffiku. Wara

diskussjoni l-membri qablu li jiltaqgħu mal-Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

76.7.19 Talba għal railing żgħir fi Triq tal-Kanun peress li meta tkun in-nida jew ix-xita l-parti ta' fuq tat-triq tkun tiżloq. Il-membri qablu.

76.7.20 Talba sabiex fl-ewwel parti ta' Triq ta' Milied titranġa ftit biex titwitta. Ix-xogħol ser isir minn persuni li qed jitolbu li ssir u l-Kunsill kemm jiprovdi l-ġebel u materjal. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li hu ma jridx jidħol fid-deċiżjoni ta' din il-materja. Is-Sindku Dott Marlene Cini proponiet li ssir laqgħa ma dawn ir-residenti flimkien mal-Perit tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni.

76.7.21 Talba sabiex jitneħħa l-ġebel li qed jaqa' minn fuq l-għerien tax-Xwejni. Il-membri qablu li titnbgħat talba lil Ministeru għal Għawdex.

76.7.22 Talba mingħand is-Sur Cassar sabiex issir rampa f'Wied l-Infern. Il-membri qablu li għandu jitqabbad JP Saliba.

76.7.23 Talba sabiex jinbena ħajt tas-sejjiegħ limiti taċ-Ċimiterju taż-Żebbuġ. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

76.7.24 Sabiex isir railing ta' l-istainless steel ma' l-islip way tax-Xwejni. Il-membri qablu.

76.7.25 Sabiex jitranġa l-globu li hemm fuq l-arblu tal-festa. Il-membri qablu.

**76.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 47/2023 għall-perjodu ta' Ġunju 2023 li tammonta għal €101,329.45 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed japprova l-kont tar-Reġjun t'Għawdex bin-numru 37 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Environmental Officer fi ħdan l-istess Reġjun u dan wara li l-Kunsillier Nicky Saliba rċieva

direzzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex ma japprovax dan il-kont biss mill-iskeda ta' pagamenti.

**76.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-11 ta' filgħodu. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2023 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv